# O Sbejħa Santa Marija

## F'għeluq il-175 sena mill-miġja tal-istatwa ta' Marija Assunta fl-Imqabba (1836 - 2011)

Mużika: Mro. Anthony Camilleri • Lirika: Stefano Farrugia

X'rigal kbir lill-knisja jtiha
ried Tumas il-kappillan,
tiegħek xtaq ikollu xbieha
b'wiċċ ta' ħlewwa għas-sliem għatxan.

Ref. Kollok sbejħa O Marija
għamlek Xandru l-Iskultur,
donnok kewkba tarmi d-dija,
sejra ttir qalb kull kulur.

Bħal xemx tielgħa ġewwa s-sema
minn ġo qabar f'baħar nir,
bik nifirħu ta' kull sena,
lilek ħajr u kull tifħir.

Kif bil-kant laqgħuk bħall-anġli
xhin xbihetek ġiet f'raħalna,
hekk iġborna b'ħarstek fraġli
u b'imħabbtek fis dawwalna.

Ref. Kollok sbejħa O Marija
għamlek Xandru l-Iskultur,
donnok kewkba tarmi d-dija,
sejra ttir qalb kull kulur.

Bħal xemx tielgħa ġewwa s-sema
minn ġo qabar f'baħar nir,
bik nifirħu ta' kull sena,
lilek ħajr u kull tifħir.

Kollok grazzja, kollok benna,
bl-isbaħ ġmiel bħal ġnien mimlija
u bħal warda minn ġol-ġenna
Int ftaħt f'qalbna O Marija.

Ref. Bħal xemx tielgħa ġewwa s-sema
minn ġo qabar f'baħar nir,
bik nifirħu ta' kull sena,
lilek ħajr u kull tifħir.

Bħal Sultana w Omm ħanina
waqaft magħna tul is-snin,
bħal Patruna dħalt għalina,
ġawhra sirt għall-Imqabbin!



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com